MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Numru. 1163/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Theuma bin Carmel u Josephine nee` Bianco imwieled Mtarfa fi 23 ta’ Ottubru 1969. Residenti Blokk B1 Flat 5 Triq Martin Luther King Fgura detentur tal-karta tal-identita` numru 422369M;

U

Redeemer Theuma bin Anthony u Avon nee` Grech imwieled Pieta` fis 17 ta' Awissu 1987. Residenti Southern Flat 1 Triq Is-Sajjieda Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita numru 444587M.

Talli;

Fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Ottubru 2012 u 4 ta' Ottubru 2012 waqt li kontu fi Triq Lorenzo Gonzi Hal Tarxien u f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta` batteriji minn vettura tal-Leyland numru tar-registrazzjoni FBQ054 ghad-detriment ta` Gilbert Bugeja mir-Rabat u/jew persuni ohra liema serq gie aggravat bil-valur li ma` jeccedix 2329.37 euro, lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament hasru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fuq vettura tal-ghamla Leyland numru tar-registrazzjoni FBQ054 liema hsara ma` teccedix 116.47 euro ( LM50) ghad-dannu ta` Gilbert Bugeja mir-Rabat u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi u zminijiet wara f`dawn il-gzejjer xjentement dtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa,mehuda b`qerq jew akkiwstati

b`reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b`kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghuhom jew jmexxuhom liema oggetti msemmija li kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix 2329.37 euro, lok, hin, mezz u bix xorta tal-haga misruqa.

Anthony Theuma wahdu akkuzat ukoll talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija lilu u kkonfermata fl-24 ta' Frar 2010 mill-Qorti tal-Appell.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Redeemer Theuma wahdu akkuzat talli ghamel reat f`perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Mejju 2012.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fl-4 ta' Ottubru, 2012, kien dahal rapport lill-Pulizija minn ghand certu Gilbert Bugeja li persuni mhux maghrufa kienu serqulu zewg batteriji tal-vettura tieghu, trakk tat-tip Leyland DAF bin-numru FBQ-054. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrisulta li fil-vicinanzi ta' fejn saret is-serqa kien hemm CCTV camera u mill-filmat kienu jidhru zewg persuni qed jisirqu l-batteriji msemmija. Aktar tard il-Pulizija ssuspettaw f' Anthony Theuma, l-imputat, u t-tifel tieghu Redeemer, l-imputat l-iehor, u meta gew interrogati huma ammettew li kienu serqu l-oggetti in kwistjoni. Ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri kontra taghhom.

Mill-provi prodotti, irrisulta ampjament ippruvat li l-imputati serqu dawn iz-zewg batteriji. Il-prova regina f'dan il-kaz hija l-istqarrija taz-zewg imputati, esebiti fil-process. Bl-asmmissjoni taghhom fl-istess stqarrija, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li ssib lill-imputati hatja ta' dan ir-reat. Inoltre, peress illi l-imputati ghazlu li ma jixhdux u ma jtellghux provi in difesa, dawk l-

istqarrijiet huma inkontestati, u ghalhekk jikkostitwixxu prova determinanti kontrihom.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, jidher li z-zewg imputati qabdu karriera ta' serq kif jirrizulta mill-fedina penali taghhom u mis-sentenzi esebiti bhala prova tar-recidiva. Ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-piena idoneja ghal dan il-kaz hi ta' prigunerija effettiva, li zgur mhix ser tinghata fil-minimum taghha. Inoltre, fil-konfront ta' Redeemer Theuma, il-Qorti sejra testendi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu fl-10 ta' Mejju, 2012, b'erba' snin millum, biz-zieda ta' ordni ta' supervizjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b), (c)(e)(f),(g), 263, 267, 269, 270, 271, 279(a), 325(b), 334, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputati Anthony Theuma u Redeemer Theuma hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghhom u ghaldaqstant qieghda tikkundannahom sentejn (2) prigunerija.

Inoltre l-Qorti fil-konfront ta’ Redeemer Theuma qieghda testendi l-perjodu operattiv tas-senteza sospiza moghtija lilu fl-10 ta’ Mejju 2012, ghal erba` snin millum ukoll taht Supervizjoni, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni, dik ta’ ricettazzjoni, peress illi inghatat bhala alternattiva ghar-reat ta’ serq.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------